MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-23 ta' April, 2010

Appell Kriminali Numru. 309/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Alex Paul Miruzzi)**
**Vs**
**Andrew Said**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli ghan-nom u in rapprezentanza ta’ Scotts Limited u/jew bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud dwar Eko Kontribuzzjoni (Att XII ta’ l-2204) u regolamenti maghmula bis-sahha ta’ l-istess Att, waqt spezzjoni ta’ sorpriza li sehhet nhar il-Erbgha 13 ta’ Mejju, 2009 gewwa Scotts Supermarket – Attard, kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu u/jew kien qed jaghmel uzu minn basktijiet li ma jikkonformawx ma’ l-obbligazzjonijiet elenkati fir-Raba’ Skeda ta’ l-imsemmi Att, u cioe’ li kienu mankanti mid-dettalji li kellhom

ikollhom stampati fuqhom, u dan bi ksur ta’ artikolu 9B ta’ l-Att dwar l-Eko Kontribuzzjoni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-16 ta’ Lulju, 2009, li biha, wara li rat l-artikolu 9B tal-Att dwar l-Eko Kontribuzzjoni w ir-Raba’ Skeda tal-Kap. 473, sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu w ikkundannatu ghal hlas ta’ multa ta’ elf Euro (€1000).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-22 ta’ Lulju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tilliberah mill-akkuzi dedotti kontra tieghu.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-
Illi l-Ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti.  M’hemm l-ebda prova w kontrol fuq il-basket li gie pprezentat huwa l-istess basket li kien ra Joe Muscat tas-sezzjoni tal-BTIU.  L-ufficjal inkarigat missu jew ipprezenta l-basket hu personalment jew inkellha missu rregistra tali basket u b’hekk il-Qorti w anki d-difiza jkunu accertati li d-dokumenti pprezentati huma l-istess li gew murija lil Joe Muscat u li sussegwentement huma l-istess li gew ipprezentati.  Li huma importanti f’dan il-kaz partikolari m’huwiex il-kulur jew il-kitba, izda l-hxuna tal-plastic u kif inhu maghmul.
Illi huwa impossibbli li l-Ewwel qorti tasal ghal konkluzzjoni li l-basket ma kien tajjeb “for prolonged use”.  M’hemmx l-ebda definizzjoni legali ta’ ”prolonged”, izda jekk wiehed jghid li jista’ jigi uzat ghal aktar minn darba, b’hekk m’hemm l-ebda dubju li l-basket jista’ jintuza ghal aktar minnd arba w certament mhux intenzjonat biex jintuza ghal darba biss.  Jekk jintuza kif suppost jista’ jintuza ghal numru ta’ okkazzjonijiet.  Il-plastic huwa ehxen minn

basktijiet li jintuzaw minn supermarkets u ma jinghatawx b’xejn.
Fattur iehor huwa l-prezz tieghu, li jindika b’mod tajjeb li l-basket jintuza ghal aktar minn darba.
Illi x-xhieda ta’ Adrian Bonello, m’ghandhiex titqies bhala xhieda valida skond il-ligi stante illi kien komplici mal-kummissjoni ta’ reat, peress li xtara l-basket meta kien jaf ben tajjeb li tali basket kien kontra d-dispozizzjonijiet tal-Ligi. Adrian Bonello, bhala spettur tal-VAT ma sekwestrax il-basket in kwistjoni jew basktijiet in kwistjoni, izda wara li kien identifika ruhu bhala spettur tal-VAT talab biex jixtri tali basket u bhala konsegwenza kien komplici ta’ kummissjoni ta’ reat. Bhala komplici x-xhieda tieghu mhix tenibbli.

Ikkunsidrat :

Irrizulta mill-provi illi fit-13 ta’ Mejju 2009 l-Ispetturi tal-VAT Adrian Bonello u Franklyn Dimech marru l-Scots Supermarket f’H’Attard, wara rapport illi l-basktijiet illi kienu qed jigu mqassma jew mibjugha lill-klijenti fis-supermarket ma’ kienux konformi mal-ligi. Iz-zewg spetturi tkellmu ma’ Alex Zammit, li kien id-“duty manager”, talbu ghal kampjuni tal-basktijiet u nghataw dawk illi huma esebiti f’dawn l-atti.

Il-basktijiet ittiehdu mill-“cash point” fil-presenza taz-zewg spetturi, ma’ liema “cash point” kien hemm ukoll basktijiet ohra, pero’ ma rawx tqassim taghhom. L-ispetturi talbu l-invoice tax-xiri tal-baskett u s-sur Zammit irriferihom lis-sur Said, l-appellant, fil-“head office”.

Il-klassifikazzjoni tal-basktijiet saru mid-dwana qabel ma saret l-ispezzjoni mill-ispetturi w dawk illi raw fil-“cash point”, u gew moghtija lilhom, kienu bhal kampjun illi kellhom qabel u ghalhekk kien facli ghalihom li jiddentifikawh.

Joseph Muscat, assistant principal tad-dwana, qal illi xogholu huwa li jikklassifika oggetti illi jidhlu Malta. Il-kampjun illi kellu f’idu kien bhal dak illi hemm fil-process. Il-kitba fuq baskett minnhom kitibha hu bhala

informazzjoni lil persuna illi giet talbitu parir taht liema klassifika jaqghu basktijiet li huma “for prolonged use”. Ghamilha cara illi dak il-kliem ma kitbux ghax il-baskett kien wiehed minn dawk illi jikklassifikaw “for prolonged use”. Irrifera ghal email illi baghat lil VAT inspector Adrian Bonello a fol. 9 tal-process, fejn irrifera ghal liema HS code il-basktijiet kienu jaqghu.

Ikkunsidrat :

Fit-trattazzjoni tieghu l-appellant qal illi ma giex ippruvat n-nes bejn il-baskett illi gie elevat mill-VAT inspectors u dawk illi raw id-dwana w lanqas ma kien hemm nes bejn l-email fuq imsemmi u l-baskett esebit u kkritika d-decizzjoni ta’ Joseph Muscat fejn qal illi fil-fatt il-baskett hu “for prolonged use” u stieden lil din il-Qorti biex ma taqbilx ma’ l-oppinjoni ta’ Joseph Muscat.

L-Ewwel Qorti kienet zbaljata fis-sens illi kellha taghmel l-apprezzament taghha w tara kif il-baskett kien wiehed minn dawk illi jaqa’ “for prolonged use”.

Minn naha l-ohra l-Avukat Generali qal illi m’hemmx dubju illi dak il-baskett illi gie elevat mis-supermarket kien bhal dak illi inghata d-dwana ghall-klassifikazzjoni. Ma setghax ikun hemm tfixxkil. Baskett wiehed kien hemm b’dik il-kitba w b’dawk il-fattizzi partikolari w ghalhekk facli jigi ddentifikat minn ohrajn. Il-prova saret u ghalhekk l-ewwel sentenza kienet korretta w timmerita konferma.

Ikkunsidrat :

Wara li l-Qorti rat l-atti tal-process u semghet ix-xhieda tal-prosekuzzjoni jidhrilha illi l-prosekuzzjoni ppruvat fi grad li trid il-ligi, illi hemm konnessjoni bejn il-baskett illi gie elevat mis-supermarket u l-baskett li nghata lid-Dipartiment tad-Dwana ghall-klassifikazzjoni.

Joseph Muscat, l-assistant principal tad-dwana, li xogholu huwa proprju dak li jikklassifika l-oggetti li jidhlu Malta, setgha ddentifika z-zewg basktijiet u cioe’ dak li nghata lilu bhala kampjun u dak illi gie elevat mill-post.

Bhal ma tenna l-Avukat Generali l-baskett kien wiehed partikolari w facli biex jigi ddentifikat minn ohrajn.

Veru li fuq il-“cash point” kien hemm basktijiet ohra w iz-zewg tipi ta’ basktijiet kienu disponibbili ghall-pubbliku. Dana ma jnaqqas ir-responsabilita’ tal-appellant u ma jistax isib konfort fil-fatt ili ma kienx qed jaghmel uzu mill-basktijiet, peress il-ligi ticcensura l-pussess u/jew taht il-kontroll tal-appellant.

Mhuwiex ikkontestat illi l-appellant huwa responsabbli ghal supermarket in kwistjoni, ghalhekk f’ghajn il-ligi kellu jirrispondi ghal dan in-nuqqas.

Wara li din il-Qorti rat ukoll is-sentenza tal-Ewwel Qorti, l-apprezzament tal-provi taghha ssib illi setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha.

Ghalhekk mhux il-kaz li din il-Qorti tiddisturba dik is-sentenza. (Il-Pulizija vs Carmelo Schembri – Appell – 28.04.1995).

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti taqta’ w tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------